# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)

## Rikors Nru.: 181/17 CSH

## Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 506/17 fl-ismijiet:

**Inserv Limited (C5229)**

**Vs**

**Camen Camilleri (K.I. 2489G) noe u The Chop Shop Ltd. (C61506)**

**Illum 26 ta Lulju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat minn Camen Camilleri ai termini tal-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona:

1. Illi permezz ta' sentenza moghtija fil-21 ta' Jannar 2016 mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (talba numru 785/2015/VG) fl-ismijiet Inserv Ltd. Vs Camen Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Chop Shop Ltd., l-istess Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u "konsegwentement ikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elfejn erba' mija u erbgha u tmenin Ewro u sitt centezmi ta' Ewro (€2484.06) bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta kull ammont gie dovut, sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1155/2015 huma a karigu tas-socjeta' intimata" – kopja legali tas-sentenza surriferita hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CC1.

2. Illi sussegwentement ghal din il-decizjoni, is-socjeta' Inserv Limited, tramite l-avukat ta' fiducja taghha pprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru

506/16 fl-ismijiet "Inserv Ltd. (C5229) vs Camen Camilleri noe (K.I. 2489G) u The Chop Shop Ltd. (C61506)" liema mandat gie akkordat u sussegwentement notifikat lil Bank of Valletta plc – kopja legali tal-imsemmi mandat hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CC2.

3. Illi in segwitu' ghal mandat ezekuttiv surriferit, il-Bank of Valletta permezz ta' Garnishee Order Advice datata 23 ta' Marzu 2017 informa lill-esponenti li l-ammont ta' tlett elef mija u tlieta u sebghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€3173.75c) kienu ingibdu mill-kont bankarju personali tieghu li jgib in-numru 40013629292 – kopji tal-imsemmi Avviz flimkien mal-voucher u statement of account hawn annessi u mmarkati bhala Dok. CC3, Dok. CC4 u Dok. CC5 – u ddepozitati taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu tas-socjeta' Bank of Valletta plc numru 704/17 – kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CC6 – in ottemperanza mal-mandat ezekuttiv numru 506/16 prezentat mis-socjeta' Inserv Limited.

4. Illi l-esponenti tramite l-avukat sottoskritt ghamel kuntatt mal-avukata tas-socjeta' Inserv Limited u gentilment talabha li tipprezenta mandat bil-korrezzjonijiet opportune u tiehu l-passi kollha necessarji sabiex l-ammont sekwestrat permezz tal-mandat ezekuttiv surriferit jigu rifuzi lill-esponenti. Jidher li kien hemm qbil tant li l-avukat tas-socjeta' Inserv Limited informat lill-avukat tal-esponenti li kienet se tipprezenta l-mandat bil-korrezzjonijiet mehtiega. Wara diversi gimghat is-socjeta' Inserv Limited baqghet inadempjenti u qatt ma pprezentat l-imsemmi mandat.

5. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 2017 bin-numru 1288/17, is-socjeta' Inserv Limited giet interpellata ufficjalment sabiex b'mod immedjat u fi kwalunkwe kaz fi zmien hamest ijiem min-notifika tal-ittra ufficjali li jipprezentaw il-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti tal-mandat ezekuttiv numru 506/17 u dan sabiex ma jigux inkorsi spejjez addizzjonali ghall-partijiet. Izda ghal darb' ohra is-socjeta' Inserv Limited baqghet inadempjenti.

6. Illi sal-gurnata ta' llum, l-ammont ta' tlett elef wiehed u sebghin Ewro u disa' centezmi (€3071.09) sekwestrati mill-kont bankarju tal-esponenti ghadu jinsab depozitat taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti.

7. Illi hawn issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet PF Steel (C45128) vs Lara Agius (K.I. 105776M) (4/7/2014) fejn dik l-Onorabbli Qorti teniet "Mandat illi huwa att ezekuttiv jinhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv huwa vigenti (emfasi tal-esponenti) u li mad-daqqa t'ghajn jidher li l-mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu u cioe' r-rekwiziti indikat mill-artikolu 274 tal-Kap. 12 u dan jinkludi li jihareg mil-ligi kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qorti."

8. Illi s-socjeta' Inserv Limited m'ghandhiex u/jew qatt ma ottjeniet l-ebda titolu ezekuttiv vigenti fil-konfront tal-esponenti skont dan li jipprovdi l-Artikolu 274(2) tal-Kap. 12 abbazi ta' liema tkun tista' tipprocedi bil-hrug ta' xi wiehed mill-mandati ezekuttivi fil-konfront tieghu personali, u bhala konsegwenza diretta l-esponenti ezekutat qieghed isofri pregudizzju.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' Inserv Limited ma ghandha l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponent Camen Camilleri u konsegwentement il-mandat ezekuttiv vantat minnha huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi sa fejn dan jolqot l-interessi ta' l-esponenti;

2. Konsegwentement tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 506/17 u n-notifika tal-istess lill-Bank of Valletta p.l.c. u konsegwentement tordna r-rifuzjoni u rilaxx ta' l-ammont sekwestrat ta' tlett elef wiehed u sebghin Ewro u disgha centezmi (€3071.09) lill-esponenti.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura, ic-cedola ta' depozitu numru 704/17 flimkien ma' dawk tal-ittra ufficjali numru 1288/17 kontra s-socjeta' Inserv Limited.

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lill-intimat u gie appuntat ghas-smiegh quddiem din l-istess Qorti.

*Illum 26 ta' Lulju, 2017.* *Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.*

Rat illi fl-ewwel seduta mizmuma u cioe' nhar it-18 ta' Lulju, 2017 deher ir-rikorrent assistit minn Dr. Larry Gauci u dehret Dr. Rachel Tua ghas-socjeta' intimata.

Semghet lil Dr. Tua tiddikjara illi hija taqbel illi s-sentenza li nghatat mit-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar fl-ismijiet **Inserv Ltd. vs Camen Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Chop Shop Ltd.(Talba Nru.: 785/2015VG)** inghatat fil-21 ta' Jannar 2016 fil-konfront tas-socjeta' Chop Shop Limited kif rapprezentata minn Camen Camilleri u mhux fil-konfront ta' Camen Camilleri de proprio.

Semghet lil Dr. Tua ghalhekk tiddikjara ulterjorment illi l-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv bin-numru 506/17 fl-ismijiet **'Inserv Ltd vs Camen Camilleri proprio et nomine'** kellu johrog biss fil-konfront tas-socjeta' Chop Shop Limited u mhux fil-konfront tar-rikorrenti de proprio u ghalhekk iddikjarat illi qed tirtira l-effetti ta' dan il-mandat fil-konfront ta' Camen Camilleri de proprio.

**Rat illi in effetti l-Mandat esekuttiv fuq imsemmi Numru 506/17 gie esegwit fuq ir-rikorrenti de proprio biss u ghalhekk tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' Inserv Limited ma ghandha l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponent Camen Camilleri de proprio u konsegwentement il-mandat ezekuttiv vantat minnha huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi sa fejn dan laqat l-interessi tar-rikorrenti de proprio. Ghaldaqstant qeghda tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 506/17 u n-notifika tal-istess lill-Bank of Valletta p.l.c. u inoltre tordna r-rifuzjoni u r-rilaxx ta' l-ammont sekwestrat ta' tlett elef wiehed u sebghin Ewro u disgha centezmi (€3071.09) lir-rikorrenti.**

**L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom jigu sofferti kollha mill-intimat.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur